



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2010/2103(INI)

8.10.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-Politika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi
marbuta mat-tibdil fil-klima
(2010/2103(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Grèze

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li ż-żieda fl-emissjonijiet ta' CO₂ marbuta mat-trasport u l-kummerċ internazzjonali timmina l-effikaċja tal-istrateġija tal-UE dwar it-tibdil fil-klima; huwa tal-fehma li din hija raġuni valida biżżejjed biex l-istrateġija għall-iżvilupp ibbażata fuq l-esportazzjoni tinbidel għal waħda ta' żvilupp endoġenu bbażat fuq produzzjoni u konsum lokali u diversifikati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ifakkar li tali strateġija jkollha effetti pożittivi fuq l-impjeg kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
2. Jiddispijaċih li parti sinifikanti mill-kummerċ internazzjonali hija magħmula minn prodotti omoġenji li faċilment jistgħu jiġu prodotti lokalment u li t-trasport meħtieġ ma jkoprix l-ispejjeż ambjentali tiegħu stess;
3. Jinnota bi tħassib li l-globalizzazzjoni ekonomika spiss wasslet għal mudell agrikolu bbażat fuq il-monokultura ta' wċuħ tar-raba' tal-esportazzjoni li tiffavorixxi Prattiki mhux sostenibbli tal-biedja f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw; jemmen li s-sistemi kummerċjali għandhom jirriflettu b'mod adegwat il-ħtiġijiet tal-bdiewa b'impriżi zġħar u tal-komunitajiet rurali, speċjalment fid-dinja li qed tiżviluppa, filwaqt li jipprovdu inċentivi għall-agrikoltura organika, li tipproduċi anqas emissjonijiet ta' CO₂ u għaldaqstant tikkontribwixxi għat-taffija tat-tibdil fil-klima; jitlob li jiġu stabbiliti standards kummerċjali ta' kwalità fil-livell nazzjonali u internazzjonali li l-gvernijiet ikunu jistgħu joħolqu rabta bejn l-aċċess għas-suq u dawn l-istandards, pereżempju billi jagħtu aċċess preferenzjali għas-suq lil prodotti li jikkonformaw ma' ċerti standards ta' sostenibilità;
4. Jenfasizza li l-pajjiżi żviluppati għandhom ikunu minn ta' quddiem fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂; jemmen li t-twaqqif ta' standards, it-tikkettar u ċ-ċertifikazzjoni huma strumenti b'potenzjal qawwi għat-tnaqqis fl-użu tal-enerġija, u b'hekk biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu r-regolazzjoni tagħhom fuq l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS) billi jistabbilixxu prezz minimu għall-karbonju; iqis li l-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) naqas milli jindirizza l-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli;
5. Jiddeplora l-fatt li l-ebda wieħed mill-ftehimiet tad-WTO ma jagħmel referenza diretta għat-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel u l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp; jiddeplora l-iżvilupp tal-bijopiraterija ta' żrieragħ reżistenti għall-klima; iqis li jeħtieġ tibdil fir-regoli tad-WTO biex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza mal-impenji skont il-Protokoll ta' Kjoto u l-ftehimiet ambjentali multilaterali (MEAs); iħeġġeġ b'urġenza li ssir riforma tad-WTO biex il-prodotti jkunu jistgħu jingħarfu skont il-metodi ta' produzzjoni u pproċessar (PPMs), u jħeġġeġ ukoll li jiddaħħlu flessibilitajiet ġodda bl-użu ta' 'ħruġ ta' liċenzji obbligatorji' fil-qafas tal-ftehim TRIPS;
6. Jenfasizza li ż-żieda fit-trasferiment tat-teknoloġija bħala mezz biex jiġi indirizzat ir-rilaxx tal-karbonju se tkun element kritiku tal-iskema klimatika wara l-2012; jiddeplora l-fatt li t-trasferiment tat-teknoloġija huwa biss parti zġħira mill-għajnuna uffċjali għall-

iżvilupp; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu għajnuna teknika u finanzjarja addizzjonali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiffaċjaw il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, jissodisfaw standards relatati mal-klima u jinkludu valutazzjonijiet tal-impatt minn qabel tal-istandards, tikkettar u ċertifikazzjoni b'rabta mal-iżvilupp;

7. Jistieden lill-UE tkun minn ta' quddiem fl-identifikazzjoni ta' ostakoli rilevanti għat-tixrid ta' teknoloġiji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima;
8. Iħeġġeġ lill-UE tuża d-dispożizzjonijiet ambjentali komprensivi fi ftehimiet kummerċjali bilaterali u reġjonali bħala għodod tal-iżvilupp, billi tenfasizza l-ħtieġa għal implimentazzjoni tajba ta' klawsoli ambjentali u ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni biex jipromwovu t-trasferiment tat-teknoloġija, l-għajnuna teknika u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet;
9. Jenfasizza li għandhom isiru sforzi biex jiġi żgurati li l-effetti negattivi fuq l-ambjent dovuti għall-kummerċ jiġu riflessi fil-prezzijiet u biex il-prinċipju "min iniġġes iħallas" jiġi infurzat; iħeġġeġ li s-sistemi ta' ttikkettar u ta' informazzjoni rigward l-istandards ambjentali jkunu sinkronizzati;
10. Iqis bħala importanti li l-impnġi internazzjonali b'rabta mat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jiġu applikati wkoll għat-trasport internazzjonali bl-ajru u bil-baħar;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi sistematikament klawsoli ambjentali fil-ftehimiet kummerċjali konklużi ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' CO₂ u fuq it-trasferiment ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi;
12. Huwa tal-fehma li l-ftehimiet internazzjonali ġodda għall-ħarsien tal-ambjent iridu jinkludu garanziji sodi dwar it-tnaqqis tal-impatt negattiv fuq l-ambjent tal-kummerċ internazzjonali fl-injam u dwar l-eliminazzjoni tad-deforestazzjoni, li huma estensivi b'mod inkwetanti;
13. Iqis li huwa kruċjali li jkun hemm standards stretti ta' sostenibilita fil-kummerċ internazzjonali tal-bijofjuwils, filwaqt li jitqies l-impatt kontradittorju ambjentali u soċjali tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.10.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Michael Cashman, Corina Crețu, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Enrique Guerrero Salom, András Gyürk, Eva Joly, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, David-Maria Sassoli, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Alf Svensson, Eleni Theocharous, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Santiago Fisas Aixela, Isabella Lövin, Miguel Angel Martínez Martínez, Bart Staes, Patrizia Toia
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Róża Gräfin von Thun und Hohenstein